# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**
**[Spettur Spiridione Zammit]**

**vs**

**Lyon Bonnici**

**Kumpilazzjoni Numru: 594/11**

**Illum, 23 ta' Mejju, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Lyon Bonnici detentur tal-karta tal-identita` numru 465489(M).

Akkuzat talli zminijiet qabel ix-xahar ta' Dicembru 2010, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

a) Iffalsifika biljetti tal-flus, u kif ukoll mexxa biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta' flus ewro meta kien jafu li huma falsifikati, u dan bi ksur tal-Artikolu 45 tal-Kapitolu 204, u l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi minghajr awtorita` legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna, kif ukoll kellu fil-pussess tieghek biljetti tal-flus ewro falsifikati meta kien jaf li l-istess flus huma falsifikati u dan bi ksur tal-Artikolu 46 tal-Kapitolu 204, u l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) U b'hekk kiser il-provvediment tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 moghtija lilu

mill-Qorti tal-Magistrati Malta (Dr. J. Padovani Grima LL.D) nhar it- 2 ta' Settembru 2010; u

d) B'hekk irrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijeit ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-Artikoli tal-Avukat Generali datati sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar 2014 fejn huwa hass li ghandha tinstab htija taht l-Artikolu sub-citati u cioe`:

(a) Fl-Artikoli 17, 31, 49, 50, 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-Artikoli 18 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 u Artikolu 45 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-Artikoli 18 tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(d) Fl-Artikoli 7 u 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti kif komposta;

Illi din il-kawza tittratta fuq allegat falsifikazzjoni ta' flus li skond l-akkuza saret fi zminijiet qabel ix-xahar ta' Dicembru 2010, mill-imputat u minn xi shabu li kienu precedentement ukoll iggudikati ghal dan ir-reat minn Qrati ohra diversament komposti.

Dawn iz-zaghzagh allegatament marru jixtru b'mod separat minn zewg hwienet differenti, wiehed mil-klabb tal-bocci ta' Rahal il-Gdid, u l-iehor minn furnar tal-lokal stess. Fil-forn instabu zewg zaghzagh bl-isem ta' Ciaxhan

Sultana u Keith Mifsud fejn dawn marru jixtru *doughnut* u hallsu b'karta ta' ghoxrin Ewro (EUR20) li kienet falza.

Waqt il-proceduri fil-fatt xehed **Ciaxhan Sultana** u dan wara li nqatghu il-proceduri kontrih fejn dan ikkonferma li kien sabu l-imputat u talbu sabiex imur isarrafflu karta ta' ghoxrin Ewro li din kien qallu li kienet falza. Huwa jghid illi l-imputat ma dahalx fil-hanut maghhom izda baqa' kantuniera 'il boghod. Meta kienu fil-hanut, fil-pront dahlu l-pulizija u arrestaw lix-xhud u lil siehbu li kien dahal mieghu. Huwa jghid illi l-kumpens li kien ser ikollu kien li jiehu l-pasti ghalih u l-kumplament tal-flus johodhom Lyon Bonnici.

Xehed ukoll **Keith Mifsud** li xehed illi l-imputat avvicina lilu, lil Ciaxhan u lil certu Lucas fil-klabb tal-bocci ta' Paola fejn l-imputat kien tahom karta ta' ghoxrin Ewro sabiex jixtru pakkett sigaretti. Dawn il-flus kienu foloz u hemmhekk is-sid ma kienx induna. Wara xehed li kienu marru jixtru b'karta ohra falza ta' ghoxrin Ewro ghand tal-forn fejn imbaghad inqabdu mill-pulizija.

Ix-xhieda ta' **Lucas Azzopardi** tikkonferma dak li kienu xehdu qablu shabu Keith Mifsud u Ciaxhan Sultana fejn huwa wkoll ikkonferma illi l-imputat Lyon Bonnici kien tahom il-flus foloz.

Rat il-verbal tad-difiza datat erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar 2014 fejn hija ma kienitx qed tikkontesta li l-bankonoti esebiti in atti a fol disgha u ghoxrin (29) tal-process, kienu foloz.

Xhud iehor **Joshua Gatt** ukoll xehed illi precedentement l-imputat kien tah mitt Ewro (EUR100) foloz izda tant kemm kienu jidhru foloz illu kien ramihom.

Semghet ix-xhieda ta' **Jeanne Cali** min-naha tal-Caritas u datata tmienja (8) ta' Gunju 2015 fejn xehdet illi l-imputat kien ghaddej Prison Inmates Program (PIP) u kien ghaddej tajjeb hafna. Dan kien gie ukoll ikkonfermat minn **Noel Cassar** li fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Ottubru 2015 kien ghad fadallu biss tliet xhur biex jispicca l-programm u kien sejjer tajjeb hafna.

**Ikkunsidrat** illi l-provi kontra l-imputat huma skjaccanti hafna illi mix-xhieda prodotti kollox jinduci ghal direzzjoni wahda, dik tal-imputat Lyon Bonnici li kien jinqeda minn hbieb tieghu sabiex jirriciklaw flus foloz izda li dawn il-flus kienu maghmulin b'mod dilettantesk tali illi kull min rahom intebah li kienu foloz.

Illi a rigward tal-punt sollevat mid-difiza fin-nota ta' sottomissjoni taghha u cioe` a rigward id-data, din tinkwadra mal-akkuzi u mar-rapporti li kienu saru ghaliex apparti li l-fatti kontemplati saru f'Dicembru 2010, kien hemm l-okkazjoni meta inghataw il-flus foloz lil Joshua Gatt u dan ma kienx cert meta

nghataw. Illi ghalhekk il-Qorti thoss li m'ghandhiex tikkummenta ulterjorment fuq dan il-punt.

Illi a rigward il-piena il-Qorti, wara li rat il-fedina penali tal-imputat illi kull ma ghandu hi dik il-piena li biha qed jigi addebitat lilu ir-recidiva u wara li nnotat certu progress li sar mill-imputat tul il-proceduri u li ghadda programm tal-Caritas b'success, ghalhekk ma thossx li ghandha timponi fuqu piena karcerarja u dan sabiex ma ttellfux dak il-beneficcju li kien ha minn dan il-programm. Illi konsegwentement ma hijiex ser timponi fuqu is-sanzjonijiet li jgibu maghhom l-addebitu tar-recidiva u dan sabiex ma ttellifx lill-imputat dan il-beneficcju. Ghalhekk sejra timponi fuqu sentenza ta' prigunerija sospiza b'supervizjoni.

Ghal dawn il-motivi u filwaqt li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 45 tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 7 u 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda ssib lill-imputat **Lyon Bonnici** hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u stante illi it-tieni akkuza hija assorbita fl-ewwel akkuza, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin flimkien ma' Ordni ta' Supervizjoni ghall-istess perjodu u dan skond l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

A rigward il-ksur tas-sentenza datata 2 ta' Settembru 2010, moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta il-Qorti tordna li dik is-sentenza terga tibda tiddekorri millum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta, u tibghat kopja tal-Ordni ta' Supervizjoni anenssa mal-odjerna sentenza lid-Direttur tal-Probation Services u Parole.

___________________________________

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**